# IL-PJAN TAL-LEZZJONI - UNIT 6.4

## Kap 6: Iċ-Ċirku Ta' Ġewwa

## Lezzjoni 6.4: Alla Missier ta' kulħadd

**L-Għanijiet:**

**l-istudenti:**



1. Jiftakru kif Ġesú għallem lil ħbiebu (*circle friends*)
2. Jagħrfu kif kienu jarawh jitlob u kif għallimhom jitolbu.

**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**

- Uri ppt: Mt 20:1-16 - The Parable of the Workers in the Vineyard - (Il-ħaddiema fl-għalqa)

  http://www.youtube.com/watch?v=yHpUaJuPGXU

- Kant:You are the vine

http://www.truevinemusic.com/you_are_the_vine.htm

-Karta ta' Taħriġ 6.4



**Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

== Uri ppt: Mt 20:1-16 - *The Parable of the Workers in the Vineyard* - Il-ħaddiema fl-għalqa -

http://www.youtube.com/watch?v=yHpUaJuPGXU



== Staqsihom kif laqtithom din l-istorja.

== Iddiskuti l-imġiba tal-ħaddiema.

**Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)**

= Staqsi lill-istudenti:

Alla hu qaddis u ġust. Ġesù kif wera dan? Wara li jagħtu l-ideat tagħhom anke rigward il-ppt, għidilhom li Ġesù dejjem kien jgħallem lill-ħbieb tiegħu fuq Alla Missieru. U dan kien isir billi jgħallimhom weħidhom u bil-parrabboli, stejjer li jifhmu l-appostli u n-nies ta' dak iż-żmien u li jkun fihom tagħlima għall-ħajja. Kien juża eżempji ta' nies bħalhom, b'xogħol simili għal tagħhom. Hu stess kien jitlob kuljum u ħadhom miegħu waqt it-talb sal-mewt.

= Spjegalhom li ħadd ma jaf meta jiġi għalina.

= Għandna nkunu mħejjija f'kull ħin.



Noti tal-ppt. għall-għalliema -

**Qari mill-Evanġelju ta' San Mattew: (Mt 25, 1-16)**

F'dak iż-żmien: Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu din il-parabbola: "Is-Saltna tas-Smewwiet tixbah lil wieħed sid li ħareġ filgħodu kmieni ħafna jsib nies għax-xogħol u jħaddimhom fil-għalqa tiegħu tad-dwieli. Ftiehem ma' xi ħaddiema b'dinar kull jum u bagħathom il-għalqa. Ħareġ ukoll madwar id-disgħa ta' filgħodu, ra oħrajn qegħdin fil-pjazza, bla xogħol, u qalilhom, "Morru intom ukoll il-għalqa, u nagħtikom li jkun ħaqqkom". U marru. Reġa' ħareġ għal xi nofsinhar, u mbagħad għal xi t-tlieta, u għamel l-istess. Għall-ħabta tal-ħamsa ta' wara nofsinhar reġa' ħareġ u sab oħrajn qiegħda, u qalilhom, "Għaliex qegħdin hawn il-jum kollu ma tagħmlu xejn?" Qalulu, "Ghax ħadd ma qabbadna." Qalilhom, "Morru intom ukoll il-għalqa."

Għal filgħaxija mbagħad sid il-għalqa qal lill-prokuratur tiegħu, "Sejjaħ lill-ħaddiema u ħallashom, ibda minn dawk li ġew l-aħħar u spiċċa b'dawk ta' l-ewwel." Ġew dawk li daħlu għax-xogħol għal xi l-ħamsa u ħadu dinar kull wieħed. Ġew ta' l-ewwel, u stennew li kienu se jirċievu iktar, iżda huma wkoll ħadu dinar kull wieħed. Huma u jitħallsu qabdu jgemgmu kontra s-sid u jgħidu, "Dawn ta' l-aħħar siegħa waħda għamlu, u int qisthom bħalna li tgħabbejna bil-piż tal-jum u s-sħana." Qabeż is-sid u qal lil wieħed minnhom, "Ħabib, minn xejn ma nqastek jien; mhux b'dinar ftehimt miegħi? Ħu li jmissek u itlaq. Lil dan ta' l-aħħar irrid nagħtih daqs kemm tajt lilek. Ma nistax nagħmel li rrid bi ħwejġi jien? Jew qiegħed tgħir għax jien qalbi tajba? Hekk ta' l-aħħar jiġu l-ewwel, u ta' l-ewwel l-aħħar."

== Staqsi lill-istudenti dwar il-parabbola (Dawn tista' ttellagħhom fuq *board* bħala konklużjoni wara d-diskussjoni tal-ppt.)

1. Is-Saltna tas-Smewwiet tixbah lil wieħed sid

- li ħareġ biex isib nies biex jħaddimhom fl-għalqa tiegħu.
- li kellu ħafna flus.
- li bena dar ġdida.
- li kellu ħafna lbiesi sbieħ .

2. Fl-għalqa tiegħu kien hemm ħafna

- għasafar li bdew jieklu ż-żerriegħa.
- dwieli.
- siġar tal-frott.
- xemx u ħafna sħana.

3. Sid l-għalqa ftiehem mal-ħaddiema li agħtihom

- flus skond kemm jaħdmu.
- paga skond is-sigħat li jaħdmu.
- dinar kull jum.
- il-vaganzi fis-sajf.

4. Ħareġ ukoll madwar it-tielet siegħa;

- meta kien qed jidlam.
- biex iġib il-flus biex iħallashom.
- għax kien sar il-ħin biex jiekol.
- ra oħrajn bla xogħol, u bagħthom jaħdmu mal-oħrajn.

5. Għal fil-għaxija, mbagħad sid l-għalqa qal lill-prokuratur tiegħu

- "Ġibli l-ikel għax għandi ħafna ġuħ."
- "Għid lil-ħaddiema biex jerġgħu jiġu għada."
- li nesa li kien tahom il-flus.
- "Sejjaħ lill-ħaddiema u ħallashom."



6. Il-prokuratur kellu jibda jħallas

- skond l-ordni; min beda jaħdem l-ewwel jitħallas l-ewwel.
- dawk li ġew l-aħħar.
- dawk il kienu l-aktar beżlin.
- il-pagi tal-ġimgħa kollha.

7. Dawk li ġew l-aħħar, bħala paga

- ħadu dinar kull wieħed.
- wkoll ħadu l-anqas.
- ma ħadu xejn flus.
- kellhom ftit wisq u kienu foqra.

8. Dawk li bdew jaħdmu minn filgħodu

- kienu ferħanin għax qalgħu ħafna flus għax ħadmu aktar.
- ħassew ħafna sħana.
- kellhom l-ikel lest għalihom.
- stennew li kienu se jirċievu iktar.

9. Bdew igergru u jgħidu "Dawn tal-aħħar siegħa waħda għamlu, u int qisthom

- qishom ħadmu aktar minna".
- bħalna li tgħabbejna bil-piż tal-jum u s-sħana!"
- daqs li kieku ma ħadmu xejn."
- li għamlulek xi pjacir!"

10.Ma nistax nagħmel li rrid bi ħwejġi jien?

- Jien ħallast għalihom!
- Jew qiegħed tgħir għax jien qalbi tajba?
- Nagħtihom lil min irrid.
- X'tippretendu! Jien qatt ma rajt għażżenin bħalkom!

== Aqra s-silta mogħtija u spjegaha. Fuq bażi ta' klassi stieden lill-istudenti biex jiddiskutu u jagħżlu bejn iva/le tal-Attività A.

== Spjega Attività A (2) . Xi risposti jistgħu jkunu:

a) Alla, b) aħna l-bnedmin c) dinja

Aqsam il-klassi fi gruppi u stieden lill-istudenti jimlew Attività B. Agħmel diskussjoni wara li jlestu fuq bażi ta' klassi ħalli kulħadd ikun jista' jagħti l-ideat tiegħu.

==Xi risposti jistgħu jkunu dawn –

**Sid** : sinjur, għaqli, ħanin, gust.

**Ħaddiema** : grati, la taħdem taqla' l-flus, l-għazz hu ħażin, jimpurtani milli ħa nieħu jien, ma ngħir għal ħadd.

== Aqra Attività C u wara li tispjega l-istorja u tiddiskutiha mal-istudenti fakkar li għandi nifraħ bil-ġid ta' ħaddieħor.

== Spiċċa l-lezzjoni bil-konzunetta: *You are the vine.*

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**



-Hekk Ġużeppi u Marija ħadmu fl-għalqa tal-Mulej.

- Biex tkun ħaddiem tajjeb, trid tbati għax trid tagħmel li hemm bżonn.

- Il-familja ta' Nazaret kollha kemm huma qagħdu għar-rieda t'Alla u għamlu dak li ried minnhom Hu.

- Ġesù kien jitlob qabel jagħmel xi ħaġa u għallem lill-appostli jagħmlu dan ukoll.

**Nagħżlu flimkien (L-Attitudni)**

Ejja naħarbu l-ħażin billi noqogħdu attenti ħalli jitgħallmu.



**Niċċelebraw flimkien xi kant/drama/DVD ecc**

*Kant:You are the vine*

- http://www.truevinemusic.com/you_are_the_vine.htm



**Nitolbu**

Mulej agħtina l-għajnuna meħtieġa biex qatt ma naqtgħu qalbna quddiem it-tbatija tal-ħajja.

Kun magħna Missier twajjeb biex qatt ma tonqosna r-rieda li naħdmu fl-għelieqi tiegħek bħal Ġużeppi u Marija.

Bi Kristu Sidna Ammen.

